

PROCĊEDURI TAL-QORTI

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

QORTI TAL-EFTA

SENTENZA TAL-QORTI

tad-29 ta' Ottubru 2008

Fil-Kawża E-2/08

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA vs. L-Iżlanda

*(Nuqqas minn Parti Kontraenti li twettaq l-obbligi tagħha – Direttiva 2004/26/KE li jirrigwardjaw il-miżuri kontra l-emissjoni [ta'] pollutanti gassużi u partikolati mill-magni tal-kombustjoni interna li għandhom ikunu mmuntati f'makkinarju ambulanti li mhux tat-triq)*

(2009/C 99/07)

Fil-kawża E-2/08, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA vs L-Iżlanda – RIKORS għal – RIKORS għal dikjarazzjoni li, billi naqset li tadotta, jew tinnotifika l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA, il-miżuri meħtieġa sabiex jiġi implimentat l-Att imsemmi fil-punt 1a tal-Kapitlu XXIV tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE, jiġifieri d-Direttiva 2004/26/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva 97/68/KE, kif adattata għall-Ftehim taż-ŻEE mill-Protokoll 1 tagħha, fit-terminu preskritt, ir-Repubblika tal-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont Artikolu 3 ta' dak l-Att u l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Qorti magħmula minn: Carl Baudenbacher, President, Henrik Bull, Imħallef-Relatur, u Thorgeir Örlygsson, Imħallef, tat sentenza fl-29 ta' Ottubru 2008, li d-dispożittiv tagħha huwa kif ġej:

- (1) Tiddikjara li, billi naqset li tadotta, fit-terminu preskritt, il-miżuri neċessarji biex jiġi implimentat l-Att imsemmi fil-punt 1a tal-Kapitlu XXIV tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE, jiġifieri d-Direttiva 2004/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva 97/68/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-miżuri kontra l-emissjoni [ta'] pollutanti gassużi u partikolati mill-magni tal-kombustjoni interna li għandhom ikunu mmuntati f'makkinarju ambulanti li mhux tat-triq, kif adattata għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, fit-terminu preskritt, ir-Repubblika tal-Iżlanda naqset li twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 3 ta' dak l-Att u taħt l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE.
- (2) Tordna lir-Repubblika tal-Iżlanda tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.